MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2009

Numru. 77/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs**
**Stephen Paul Portelli, ta' 24 sena, iben Paul u Agnes nee' Pace,**
**imwieled Sunshine, Victoria, Australia nhar id-19 ta' Marzu, 1984, residenti fil-fond 'Australian House', Triq Ta' Hida, Nadur, Ghawdex,**
**detentur tal-karta ta' l-identita' numru 421098(M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Stephen Paul Portelli li gie akkuzat talli fil-lejl ta' bejn is-27 u t-28 ta' Marzu 2008 u fix-xhur ta' qabel gewwa n-Nadur, Ghawdex u f'inhawi ohra f'dawn il-gzejjer, kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta tal-Cannabis jew xi

preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, ai termini tal-artikolu 8(a) u (d) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Rat l-awtorizzazzjoni moghtija mill-Avukat Generali u dana bis-sahha tas-Subartikolu 2 ta’ l-Artikolu 22 ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi;

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat liema ammissjoni giet riaffermata wara illi l-Qorti taghtu zmien ragjonevoli sabiex jikkunsidra l-istess ammissjoni;

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni stess ta’ l-imputat il-Qorti ma tistax hlief issibu hati ta’ l-akkuza migjuba fil-konfront tieghu;

Illi dwar piena l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat u l-fedina penali tal-imputat;

Ghalhekk il-Qorti qeghda taqta’ u tiddeciedi billi wara li rat l-artikolu 8(a) u l-artikolu 22(2)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputat Stephen Paul Portelli hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni ta’ l-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-lum;

Il-Qorti qeghda twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dana l-perijodu tal-liberazzjoni taht kundizzjoni;

Il-Qorti qeghda tordna d-distruzzjoni tad-dokument ‘E’ u ghal dan il-ghan qeghda tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex jaghmel dan;

Il-Qorti tordna li l-atti jintbaghtu lill-Avukat Generali skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------